MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-18 ta' April, 2008

Talba Numru. 756/2006

**Avviz numru 756/2006VGD**

Phone Direct Limited (C27107)

Vs

Compleet IS Services Limited.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li biha s-socjeta' attrici qed titlob illi s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas l-ammont ta' mija, erbgha u sittin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm164.75) konsistenti fi drittijiet dovuti lis-socjeta' attrici ghar-reklamar fir-rivista 'Phone Direct', skond il-booking order hawn anness u mmarkat bhala Dok. A. Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 15 ta' Gunju 2006 kif ukoll l-imghaxijiet relattivi mis-26 ta' Ottubru 2002 kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici stante illi r-reklamar imsemmi ma harigx fi-zmien miftiehem. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema x-xhieda ta' Raymond Galea prodott mis-socjeta' attrici.

Sema x-xhieda ta' Marvin Sammut prodott mis-socjeta' konvenuta.

Sema x-xhieda ta' Patrick McCarthy prodott mis-socjeta' konvenuta.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti, u ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi fil-qosor il-kontestazzjoni f'din il-kawza tikkonsisti fis-segwenti.

Illi s-socjeta' konvenuta kienet ghamlet ordni mas-socjeta' attrici f'Settembru tal-2002, ghal reklamar fil-'magazine' taghha 'Phone Direct'. Illi dan il-'magazine' kellu johrog f'Dicembru ta' dik l-istess sena. Skond is-socjeta' konvenuta l-'magazine' kellu jigi distribwit ma Malta kollha qabel il-Milied, u fil-fatt ghaliha dan ir-reklamar li kellu jsir f''magazine' li kellu johrog qabel il-Milied kellu jikkostitwixxi l-kampanja publicitarja taghha ghaz-zmien tal-Milied.

Skond is-socjeta' konvenuta pero', dan il-'magazine' gie mqassam tard, tant hu hekk illi kien wasal ghandhom fit-23 ta' Dicembru 2002, u kienu anki semghu minn zewg impjegati taghhom illi kien gie distribwit f'Birzebbugia fit-3 ta' Jannar 2003 u fir-Rabat fl-4 ta' Jannar 2003. Ghalhekk skond huma l-iskop kollu ta' dan ir-reklamar kien sfa fix-

xejn ghaliex kien lahaq ghadda l-Milied. Minhabba f'hekk is-socjeta' bdiet tilmenta mas-socjeta' attrici illi l-'magazine' kien tqassam tard u irrifjutat li thallas il-kont mahrug mis-socjeta' attrici fir-rigward ta' dan ir-reklamar.

Illi minn-naha taghha s-socjeta' attrici ssostni illi hija qatt ma kienet tat data specifika meta kien ser jitqassam il-'magazine', u l-ftehim skond hi kien illi l-'magazine' kellu jitqassam ma Malta kollha fix-xahar ta' Dicembru. Gie spjegat ukoll li fil-perjodu in kwistjoni, l-istampar tal-magazine kien isir minn kumpanija barra minn Malta, u t-tqassim tieghu isir minn kumpanija ohra lokali.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici Raymond Galea xehed li huwa minnu li fiz-zmien in kwistjoni meta kellu jitqassam il-'magazine', u cioe f'Dicembru 2002, is-socjeta' attrici kellha problemi mal-kumpanija li kienet tqassam il-magazine taghha ghaliex minflok ma damu ghaxart ijiem iqassmu ma Malta kollha kif miftiehem, kienu damu izjed minn hekk. Ghalhekk, it-tqassim kien beda jew fid-9 jew il-11 tax-xahar u kien spicca fit-23 tax-xahar.

Illi t-Tribunal wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Fl-ewwel lok ma jidher minn imkien li kien hemm xi ftehim preciz dwar sa liema data kellu jsir it-tqassim kollu tal-magazine'. Mill-'order form' zgur illi ma tidher l-ebda data in konnessjoni mat-tqassim, izda hemm biss sinjal fuq ix-xahar ta' Dicembru. Di piu, r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta stess, Marvin Sammut, xehed testwalment hekk:- '*F'Settembru tas-sena 2002, il-ftehim taghna mal-Phone Direct kien fis-sens illi l-advert taghna kellu jsir ghaz-zmien tal-Milied pero* ***ma kellna xejn, la verbali u la bil-miktub li jghid meta kellu johrog effettivament il-magazine'***.

Illi ghalhekk isegwi li jekk il-magazine' effettivament gie distribwit f'Malta kollha sat-23 ta' Dicembru 2002, ma jirrizultax illi kien hemm xi nuqqas da parti tas-socjeta' attrici.

Illi z-zewg rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta xehedu li zewg impjegati taghhom kienu qalulhom li l-'magazine' kien wasal f'Birzebbugia u fir-Rabat fil-bidu ta' Jannar. L-ahjar prova in sostenn ta' dan kien ikun proprju x-xhieda ta' dawn iz-zewg impjegati stess li setghu facilment gew prodotti mis-socjeta' konvenuta sabiex jikkonfermaw dan il-fatt. Dan pero ghal xi raguni ma sarx. Minn-naha l-ohra r-rapprezentant tas-socjeta' attrici kkonferma illi t-tqassim kollu kien sar sat-23 ta' Dicembru 2002.

It-Tribunal huwa tal-opinjoni li effettivament il-'magazine' verament gie mqassam ma Malta kollha sa qabel il-Milied, u s-socjeta' attrici ma kellha l-ebda obbligu li tqassmu f'xi data preciza jew precedenti ghaliex ma kien hemm l-ebda ftehim f'dan is-sens. Jidher li s-socjeta' konvenuta kienet qed tippretendi xi servizz li jmur oltre dak li kienet ftiehmet fuqu mas-socjeta' attrici, haga li ma setghetx taghmel. Ghalhekk, is-servizz li kellu jinghata mis-socjeta' attrici fil-fatt inghata, u ma jidhirx li kien hemm xi ksur ta' xi obligazzjoni kontrattwali da parti tas-socjeta' attrici. Dan ifisser illi minn-naha taghha, s-socjeta' konvenuta ukoll ghandha tassumi l-obligazzjonijiet kontrattwali taghha, u cioe l-hlas ghas-servizz minnha ordnat.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas s-somma ta' tlett mija, tlieta u tmenin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€383.76), ekwivalenti ghal Lm164.75 kif mitluba fl-Avviz, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------